MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 948/1999/1

**AB C**
**vs**
**D C E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur <u>ppremetta</u> hekk:

Illi hu u l-konvenuta zzewgu fit-8 ta’ Settembru 1992, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal F u G, li twieldu rispettivament fl-10 ta’ Novembru 1993 u fit-23 ta’ Gunju 1995; illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet saret impossibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, attribwibbli unikament lill-konvenuta li hi allura unikament hatja tas-separazzjoni; illi b’ digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Marzu 1999, numru 2348/99, huwa gie awtorizzat

jistitwixxi l-proceduri odjerni; talab li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, in bazi ghall-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16, b' tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta; [2] li d-dar taz-zwieg tigi assenjata in toto lill-attur; [3] li l-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri tigi fdata esklussivament f' idejn il-missier, filwaqt li l-konvenuta tigi ordnata tamministra lilu retta alimentarju bhala manteniment ghalih, u ghall-istess ulied minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 ta' l-istess Kap, fl-intier tieghu; [5] tapplika l-artikolu 56 ukoll tal-Kap.16; [6] tapplika l-artikolu 62[a] ta' l-istess kap, sa fejn hu applikabbli; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta; [talbiet ristrutturati – fol.347 et seq.];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

Preliminarjament illi l-konvenuta hija mharrka w indikata b' mod zbaljat peress illi hija qatt ma kienet D C E, izda biss D C;

Fil-mertu jinghad illi l-ewwel u t-tieni talbiet attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali u t-terminazzjoni ta' l-effetti kollha civili ta' l-obbligu li jghixu flimkien m' humiex opposti;

Illi t-tielet u r-raba' talbiet huma ghal kollox opposti peress illi huma bbazati fuq premessi zbaljati u nfondati fil-fatt u fid-dritt u kif fil-fatt qieghed jigi riklamat fil-kontro-talba li qeghda ssir ma' dawn l-istess eccezzjonijiet, ir-ragunijiet li taw lok ghal din is-separazzjoni huma tortijiet imputabbli lill-attur, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

Illi in kwantu ghall-hames, sitt u s-seba' talba, jinghad illi dawn ghandhom jigu skartati stante illi d-decizjoni li taghti din il-Qorti ghac-citazzjoni odjerna hija wahda finali u definittiva (salv id-dritt ta' Appell), u ghalhekk dawn it-talbiet, li qeghdin isiru sabiex il-Qorti tippronunzja ruhha pendente lite, ma setghu qatt isiru hlief bil-proceduri opportuni, stante illi sentenza definittiva ta' din il-Qorti ma tista' qatt tippronunzja ruha "provisorjament u pendente lite";

Illi in kwantu ghat-tmien, ghad-disa' u l-ghaxar talba, il-konvenuta topponi l-istess talba bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt u allura m' hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attur;

Illi m' hemm ebda opposizzjoni ghall-hdax u t-tnax-il talba ta' l-attur, dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-konvenuta;

Illi in kwantu ghat-tlettax u l-erbatax-il talba, jinghad illi l-artiklu 54 u 55 tal-Kap. 16 ghandhom jigu applikati mill-Qorti biss wara li din tkun semghet il-kawza, b' dan illi l-konvenuta, kif sejjer jintalab fil-kontro-talba, isostni illi dawn ghandhom jigu applikati kontra l-attur;

Illi ghal dak li qed jinghad fil-hmistax-il talba, l-konvenuta tichad bhala infondat fil-fatt u fid-dritt dak li qed jinghad, b' dan illi jekk jidhirlu opportun, l-attur ghandu jintavola l-proceduri opportuni ghal dak minnhu allegat, u di piu', stante illi l-proprjeta' hija parafernali tal-konvenuta, din ghandha tinghata d-dritt illi tabita fiha hi esklussivament minghajr l-indhil ta' l-attur, peress illi in ogni caso, l-attur m' ghandu ebda jedd ta' proprjeta' jew jedd iehor reali fuq l-istess fond;

Illi s-sittax il-talba ta' l-attur qeghda tigi opposta stante illi l-attur mhux kapaci li jiehu hsieb l-ulied minuri u fil-fatt qed ikollu jinkorri ghall-ghajnuna ta' terzi barranin anke mminhabba l-hinijiet twal u diversi tax-xoghol ta' l-istess attur;

Illi in kwantu is-sbatax u t-tmintax-il talba, l-konvenuta m' ghandhiex opposizzjoni stante illi l-Qorti tiddeciedi dwar dan wara s-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghal dak li qieghed jigi mitlub fid-dsatax-il talba, jinghad illi din mhix qed tigi opposta, ghalkemm dan mhux qieghed jikkawza pregudizzju gravi lill-attur;

Illi mhux opposti l-ahhar zewg talbiet ta' l-attur, salv id-drittijiet kollha tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenuta rikonvenzjonata, u li tinsab inserita a fols.49 sa 52 tal-process, [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat u li tinsab inserita fil-process a fols.54 sa 68 [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Greta Agius minnha debitament mahluf; [Vol.2 – fol.437 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, u l-listi tax-xhieda, kif ukoll l-affidavits u d-dokumenti prezentati;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet studjati u ezawrjenti tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tfal minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni u tal-kontro-talba odjerni, iz-zewg partijiet qedin jitlob is-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet unikament attribwibbli lil xulxin; u, filwaqt li l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16, il-konvenuta qed tibbaza t-talba taghha fuq l-artikoli 38 u 40 ta' l-istess Kap.  Fl-istess hin, kull parti qed tichad dak attribwit lilha mill-parti l-ohra. Huma talbu wkoll li jigu regolati l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fit-8 ta' Settembru 1992, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa hames snin;  u minn dan iz-zwieg huma ghandhom zewgt itfal, F u G, li llum ghandhom sittax [16] u erbatax [14]-il sena rispettivamnent.  Wara circa hames snin,

inqala' l-inkwiet matrimonjali, bir-rizultat li fil-22 ta' Dicembru 1998 il-konvenuta abbandunat id-dar konjugal biex marret tghix ma' ragel iehor, AB, identifikat b' ismu, mill-partijiet u mix-xhieda, u li mieghu ghadha tghix sallum.

*Verzjoni Attur*

Illi, mix-xhieda ta' l-attur, u minn dik tal-genituri tal-konvenuta u taz-zijiet taghha, jirrizulta li, qabel ma beda l-inkwiet bejn il-partijiet, dawn kienu jidhru ferhanin flimkien. L-attur, xufier tal-linja, kien jahdem sieghat twal, filwaqt li l-konvenuta kienet tiehu hsieb id-dar u t-tfal taghhom. Hija ma kinitx tahdem barra mid-dar; u kienet ukoll tamministra l-flus li kien jaqla' zewgha l-attur.

Calcidon E, missier il-konvenuta, jghid li l-attur kien ihobb u jirrispetta lill-konvenuta; "jiena kont immur kuljum ghandha d-dar. Hu kien jaghtiha l-flus kollha f' idejha, u tamministra kollox hi." [Vol.1 fol.165]. Fuq l-attur jghid li "Jiena f' Jesmond m' ghandi xi nghid xejn. Huwa ragel bil-ghaqal, qatt ma johrog mid-dar u dejjem maghna u ma' uliedu. Lili jirrispettani hafna, u kemm jien u kemm marti nirrispettawh hafna." [Vol.1 fol.164]

Giorgia Muscat, iz-zija tal-konvenuta, tghid ukoll li "sa ma nfirdu, dejjem niftakarhom unjoni, u qatt ma nikftakarhom jiggieldu… Naf li hi dejjem bil-flus fil-but, tixtri l-hwejjeg u z-zraben…. Dak li kien jaqla' kien jghaddihulha, u hi kienet tghid li kienet tiehu hsieb kollox, income tax, il-hajja u kollox." [Vol.1 – fol.172].

Anna Mallia, zija ohra tal-konvenuta, tikkonferma li hi wkoll kellha relazzjoni stretta mal-konvenuta, u tghid li "Lili qatt ma qaltlu li kienet imdejqa jew li kienet iddejqet id-dar. Meta qaltli li ddejqet kien it-8 ta' Dicembru [1998] u kienet telqet gurnata."[Vol.1 fol.245].

B E, omm il-konvenuta, tghid li l-konvenuta kienet qaltilha "li hi ma' Jesmond [l-attur] ma kien jonqosha xejn, la flus u xejn, ghax id-dar kienet mimlija, pero' hasset li riedet tiddeverti." [Vol.1 – Fol.275]

Illi fl-ahhar sitt xhur qabel ma' l-konvenuta telqet mid-dar definittivament, kien hemm l-inkwiet bejn il-partijiet peress li l-istess konvenuta kienet qed turi riluttanza li jkollha relazzjonijiet intimi ma' zewgha; u eventwalment hija abbandunat id-dar konjugali biex tkompli bir-relazzjoni mar-ragel fuq indikat.

Mill-provi, u senjatament mix-xhieda taz-zija tal-konvenuta Anna Mallia, jirrizulta li ftit xhur qabel ma telqet mid-dar konjugali, il-konvenuta kienet dahhlet fi hbiberija ma' dak ir-ragel li, ghandu negozju, u li kien juza l-appartament sovrastante bhala store. Minn hemm kien jnizel bis-sellun fil-bitha tal-konvenuta; u din kienet tilqghu, u b' hekk bdiet ir-relazzjoni ta' bejniethom. L-istess xhud, tirrakkonta li "F' dak il-perijodu, naf li kien hemm relazzjonijiet intimi bejn D u [AB]. Meta hadtha ghandu d-dar, jiena kont noqghod fil-kcina bit-tfal, u huma kienu jitilghu fuq, jaghmlu siegha, u jergghu jinzlu hdejna." [Vol.1 – Fol.246].

Jirrizulta li, meta l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali biex tmur tghix ma' ragel iehor, u peress li l-attur li jahdem sieghat twal ma kienx fil-pozizzjon li jiehu hsieb it-tfal, li dak iz-zmien kienu ghadhom zghar hafna, u peress li r-residenza tal-genituri tal-konvenuta ma kinitx spazjuza bizzejjed biex dawn jilqghu ghandhom lill-attur u lil uliedu, huma marru joqghodu ma' l-attur, flimikien mat-tifla l-ohra taghhom, Charlene, fid-dar konjugali li hija aktar spazjuza u ghandha tlett kmamar tas-sodda.

L-attur kien kuntent b' dan l-arrangament, u jghid li Alla hares ma kinitx B E, omm il-konvenuta, li ghenitu jiehu hsieb id-dar u t-tfal. Di fatti, dawn ghadhom sallum ghadhom jghixu hemm, u, filwaqt li l-ispejjez tal-hajja jinqasmu bejn l-attur u missier il-konvenuta, B E bl-ghajnuna ta' bintha l-ohra tiehu hsieb, it-tfal, it-tisjir u d-dar.

*Verzjoni Konvenuta*
Illi l-konvenuta strahet fuq ix-xhieda taghha biss. [Vol.2 fols.334-335].

Din tghid li, qabel iz-zwieg, ommha, B E, kienet stretta hafna maghha fejn kien jikkoncerna l-hrug, tant, li “iddecidejt li jekk niltaqa’ ma guvni, nibda ninnamra mieghu, u nizzewgu sabiex nibda nohrog.” Tghid li hija kienet bdiet tohrog ma’ l-attur “biex nohrog, u mhux ghax kont inhobbu.”

Il-konvenuta tilmenta li “Hajja mizzewga ma kellnhiex, ghaliex ommi kienet tindahal hafna. Malli zzewwigna riedet ic-cavetta tad-dar taghna sabiex tigi fi x’hin trid.”

Tilmenta wkoll li l-attur “kien dejjem fuq ix-xoghol, qatt ma kien jaghti kazi u kas tat-tfal.” Fi zmien ta’ qabel ma kellhom it-tfal, l-attur, wara x-xoghol kien imur ghand ommu, minflok jmur id-dar, u fuq dan “konna niggieldu l-aktar.”

Il-konvenuta takkuza lill-attur li kien xhih maghha. Tghid li “L-aktar li kien jilliteka mieghi fuq li mmur ghand il-hairdresser jew jekk nixtri xi libsa lit-tifla. Dan il-glied kien ikun ta’ spiss.”

Tghid li kien ikollhom hafna xi jghidu fuq l-indafa, ghaliex ma kienx nadif hafna.

Illi, salv il-premess, il-konvenuta ma cahdet xejn mill-fatti kif esposti fil-verzjoni moghtija mill-attur u x-xhieda tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti bla ezitazzjoni tghid li hi taccetta bhala veritieri l-fatti kif esposti fil-verzjoni ta’ l-attur, filwaqt li tikkunsidra dak allegat mill-konvenuta fix-xhieda taghha bhala tentattiv fjakk sabiex tipprova tiggustifika l-komportament abuziv u adulteruz taghha.

Ma hemmx dubju f’ mohh din il-Qorti li dan iz-zwieg sfratta u tkisser, mhux minhabba l-allegat indhil da parti ta’ omm il-konvenuta, jew l-allegata xehha da parti ta’ l-attur, jew l-allegata nuqqas ta’ interess tieghu f’ martu; izda sfratta unikament ghax il-konvenuta, li jidher li ma kien jonqosha xejn fiz-zwieg, tat lok sabiex jidhol f’ hajjitha ragel iehor

bir-rizultat li eventwalment dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali li ghadha sejra sa llum.

Dwar l-allegat indhil da parti ta' ommha fiz-zwieg taghhom, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi f' dan ir-rigward, anzi l-provi juru li l-konvenuta kienet kuntenta fiz-zwieg, qabel ma dahal it-terza persuna. Rigward il-punt tac-cavetta, B E fix-xhieda taghha taghti spejgazzjoni ferm plawsibbli u li hi fis-sens li, kemm hi, kif ukoll binthom kellhom cavetta [spare key] tar-residenzi rispettivi taghhom bl-uniku skop li jilqghu ghal kaz li xi hadd minnhom jitlef ic-cavetta u allura ma jkunx jista' jidhol fir-residenza tieghu. Uzanza ferm uzata f' pajjizna partikolarment meta l-qraba joqghodu fil-vicin. Inoltre, hija ferm inverosimili l-allegazzjoni tal-konvenuta li hija kienet imdejqa fiz-zwieg minhabba l-indhil ta' ommha; u, il-Qorti ssaqsi: jekk hu hekk, kien hemm ghalfejn tidhol f' relazzjoni extra matrimonjali <u>matul</u> il-konvivenza matarimonjali? Kull kumment ulterjuri f' dan ir-rgiward huwa superfluwu.

Barra minnhekk il-fatt li llum il-genituri taghha flimkien ma' ohtha qed jghixu fid-dar konjugali tal-partijiet, u li hija parafernali ta' l-attrici, huwa konsegwenza ta' l-azzjoni abuziva mwettqa mill-istess konvenuta fil-konfront ta' zewgha u ta' uliedha. Il-genituri taghha marru hemm, <u>bil-kunsens ta' l-attur, u ghal gid tieghu u tat-tfal</u>, allura neputijiet taghhom; a differenza tal-konvenuta, binthom, li abbandunat it-tfal u r-ragel taghha biex tmur tghix ma' ragel iehor!

Rigward l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur kien xhih maghha u li ma kienx jaghti kaz ta' martu u tat-tfal, il-provi ta' l-attur, konsistenti f' xhieda parentati mill-qrib hafna mal-konvenuta, u cioe' il-genituri taghha, u z-zijiet taghha miz-zewg nahat, juru proprju l-kuntrarju, u ghalhekk din l-allegazzjoni, hekk kontraddetta, mhijex kredibbli.

Inoltre, il-Qorti tosserva li, anke l-allegazzjoni tal-konvenuta maghmula fil-kontro talba taghha u li tikkostitwixxi wahda mill-pillastri li fuqhom qed isserrah it-talbiet taghha, u cioe' dik ta' adulterju da parti ta' l-attur;

din l-allegazzjoni, konsidrata fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ma resqet <u>ebda xintilla ta' prova</u> fir-rigward, tikkostitwixxi fiha nnifisha bhala ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16.

In fine, jigi osservat li, ghalkemm irrizulta li fit-22 ta' Dicembru 1998, il-konvenuta kienet abbandunat id-dar konjugali, minghajr raguni gusta, izda ma giex sodisfatt il-vot tal-ligi sabiex jikkonfigura l-abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41, stante li hemm karenti r-rekwizit taz-zmien, peress li l-att tac-citazzjoni kien gie prezentat fis-26 ta' April 1999, u ghalhekk, f' anqas minn sentejn mid-data ta' l-abbandun.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, stante li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment bi htija unika tal-konvenuta, ravvizata fl-artikolu 38, u ukoll fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligjiet ta' Malta; liema komportament jattira ex lege l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48[1] ta' l-istess Kap.

**Kura u Kustodja**

Illi llum it-tfal tal-partijiet, Brandon u G, ghandhom rispettivament, 16 u 14-il sena. Fil-prezent qed jghixu ma' l-attur fid-dar konjugali flimkien man-nanniet materni u ma' oht il-konvenut; u jirrizulta car li dan l-arrangament kien ta' gid ghat-tfal li minn naha taghhom huma kuntenta b' dan il-modus vivendi.

Dan il-fatt huwa sa certu punt rikonoxxut mill-konvenuta li, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha [Vol.1 fol.357] tghid ma "ssibx oggezzjoni li l-Qorti tiddeciedi fis-sens li l-kura u kustodja tat-tfal tigi fdata lil zewgha. Dan fid-dawl illi by and large, tul dawn is-sitt snin li ghaddew, it-tfal kienu ma' missierhom u kienu akkurati u mantenuti tajjeb."

Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, huwa fl-interess tal-minuri li jnzamm l-istatus quo, fis-sens li dawn jibqghu fil-kura u kustodja ta' l-attur; izda decizijonijiet ta' certu importanza li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal ghandhom jittiehdu b' konsusltazzjoni u bi ftehim mal-konvenuta, li

bhala omm il-minuri, irrispettivament mill-htija taghha ghat-tifrik taz-zwieg, ghandha tibqa’ involuta f’ certu decizjonijiet li jinvolvu l-minuri, kif ukoll jkollha l-opportunita’ li tirrelata maghhom. Ghalhekk, qed jinghata access lill-konventa darba fil-gimgha kull nhar ta’ Sibt mid-9.00 am sal-5.00 pm.

**Manteniment**

Illi l-attur qed jitlob li l-attrici thallas manteniment lilu, kif ukoll tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal minuri taghhom, kemm dak arretrat mid-data li fiha telqet mid-dar konjugali fit-22 ta’ Dicembru 1998, kemm dak futur. Il-Qorti tosserva li l-provi in propozitu huma skarsi.

*Manteniment Futur*

In vena legali hija relevant s-segwenti osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Joan Borg vs Carmel Borg deciza fit-3 ta’ April 2009: “L-attrici m’ ghandhiex impieg u m’ ghandha ebda dhul fil-prezent, pero’ dan ma jfissirx li hi nkapaci milli jkollha xi forma ta’ dhul anke minn xoghol part-time. Kull genitur ghandu obbligu jikkontribwixxi ghall-ghixien u l-manteniment ta’ uliedu, u ghal dan il-ghan kull genitur ghandu jara x’ jaghmel u jaghmel sforz genwin [anke a skapitu tal-interess personali tieghu] biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja.” [App.169/03].

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li, meta l-konvenuta telqet mid-dar konjugali, hi marret tghix ma’ AB. Sussegwentement hija bdiet tahdem fil-hanut ta’ dan is-sieheb taghha, u, skond dokument mahrug mill-ETC hija baghqet tahdem hemm sal-31 ta’ Ottubru 2005 [Vol.2 – Fol.430]; izda mill-provi mressqa f’ dan ir-rigward <u>mill-attur</u> jirrizulta li f’ Dicembru 2006 dina kienet ghadha tahdem go l-istess hanut [Xhieda Charles Pisani – Vol.3 – Fol.718].

Illi l-Qorti tosserva li l-konvenuta ma gabet ebda prova dwar ir-raguni tat-terminazzjoni ta’ l-impieg taghha, biex jigi stabbilit jekk din kinitx giet imkeccija mill-impieg taghha, jew inkellha kinitx telqet volontarjament. Kien l-oneru tal-konvenuta li ggib provi sodisfacenti f’ dan is-

sens, biex jigi stabbilit jekk dan kienx “self-inflicted hardship” u cioe’ jekk rtiratx mill-impieg volontarjament.

Izda, apparti l-premess, anke jekk huwa minnu li llum il-konventa waqfet tahdem, hija xorta wahda ghandha l-obbligu qua genitur li tikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ uliedha minuri, tenut kont tal-potenzjal li hi tahdem u tiggenera ntrojtu.

Illi fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha, il-konvenuta tghid li, bhala salesgirl, hija kellha salarju nett ta’ €620 [ekwivalenti ghal LM226] fix-xahar, u prezentat f’ dan is-sens payslip mhux iffirmata u mhux guramentata datata 1 ta’ April 2005. Minn naha tieghu l-attur, fix-xhieda tieghu jghid li huwa kellu salarju ta’ €676 [ekwivalenti ghal LM290] netti kull hmistax .

Illi fid-dawl tal-premess, u rebus sic stantibus, il-Qorti tordna li l-konvenuta tibda tikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg uliedha minuri billi thallas lill-attur kull xahar l-ammont ta’ €116 [ ekwivalenti ghal LM50] ghal kull wild minuri sakemm dawn jibqghu minuri, u dan irrispettivament jekk hi tahdimx jew le; izda meta F jaghlaq it-tmientax-il sena, il-manteniment dovut ghal minuri G jizdied ghal €186 [ ekwivalenti ghal LM80] kull xahar. Dan l-manteniment, kapitalizzat sakemm it-tfal isiru maggjorenni fil-10 ta’ Novembru 2011 u fit-23 ta’ Gunju 2013, jwassal ghall-ammont globali ta’ €8,153 [ ekwivalenti ghal LM3,500] circa.

Illi dwar it-talba ta’ l-attur sabiex il-konvenuta thallas lilu manteniment ghalih, il-Qorti tosserva li, stante li huwa jahdem bi qligh, u ghandu mpieg regolari, mhux il-kaz, li f’ dan il-gudizzju jigi kwantifikat il-manteniment dovut lilu mill-konvenuta bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni personali; u din il-Qorti ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt ta’ l-attur li fil-futur jitlob manteniment ghalih minghand il-konvenuta fil-kaz li huwa jitlef l-impieg tieghu u ma jkollux introjtu adegwat.

*Manteniment Arretrat*

In propozitu l-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-obbligu tal-genituri li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-wild tieghu, jew billi jiehu hsiebhom materjalment jekk ikollu l-kura u kustodja taghhom, jew billi jikkontribwixxi finanzjarjament ghalihom, jirrisali ghad-data tat-twelid tal-wild.

[2] Illi l-fatt li genitur li jkollu l-kura u kustodja jkun qed jircevi ghajnuna, materjali jew finanzjarja minghand in-nanniet, ghat-trobbija tal-wild, zgur li ma jezonerax lill-genitur l-iehor mill-obbligu legali li jikkontirbwixxi finanzjarjament ghall-manteniment tal-wild tieghu.

Ferm il-premess, fil-kaz in dizamina, ghalkemm, it-talba ta’ l-attur ghal hlas da parti ta’ l-attrici ta’ manteniment provvizorju saret fl-udjenza tas-6 ta’ April 2005 [Vol.1 – fol.362], l-obbligu tal-konvenuta sabiex tikkontribwixxi finanzjarjament ghall-manteniment ta’ uliedha jirrizali ghat-22 ta’ Dicembru 1998 meta hi abbandunat id-dar konjugali, kif ukoll l-obbligi ta’ genitur fil-konfront taghhom. Inoltre, il-fatt li l-attur sab ghajnuna kbira fit-trobbija ta’ l-ulied minghand in-nanniet materni u oht l-konvenuta, ma jnaqqas xejn minn dan l-obbligu tal-konvenuta.

Ghalhekk din il-Qorti qed tistabbilixxi r-rata ta’ €233 [ ekwivalenti ghal LM100] fix-xahar u cioe’ LM1,200 fis-sena bhala l-kontribut arretrat dovut mill-konvenuta lill-attur ghall-manteniment ta’ uliedhom mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-31 Jannar 2010, li jwassalu ghas-somma globali ta’ €30,981 [ ekwivalenti ghal LM13,300], liema somma hija dovuta mill-konvenuta lill-attur bhala manteniment arretrat. [LM100 x 12 x 11 + LM100].

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-provi in propozitu huma skarsi, partikolarment fejn jidhlu valuri, kemm ta’ oggetti, kif ukoll ta’ krediti pretizi.

Mill-provi jirrizulta li l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

[1] Ix-xarabank EBY-496, tal-valur ta’ LM23,000 circa, moghti mill-konvenuta u mhux kontestat;
[2] Il-vettura Isuzu Gemini tal-valur ta’ LM3,500 circa, moghti mill-konvenuta u mhux kontestat;
[3] Il-mobbli li hemm fid-dar konjugali, li skond l-konvenuta, uhud minnhom huma parafernali taghha;
[4] Depozitu bankarju ta’ LM700;
[5] Kreditu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ LM8,000 circa, spejjez maghmula mill-attur waqt iz-zwieg biex ikompli jigi attrezzat il-fond konjugali proprjeta’ parafernali tal-konvenuta.

*Ix-Xarabank EBY-496*
In propozitu l-provi huma skarsi ghall-ahhar. L-attur jghid li dan xtara dan ix-xarabank fis-sena 1991 u kompla jhallsu wara z-zwieg meta allura x-xarabank kien gie mdawwar fuqu; minn naha taghha l-konvenuta tghid li x-xarabank kien gie akkwistat waqt iz-zwieg. Provi dokumentali ma ngabux, ghajr folja, minghajr intestazzjoni, [Dok.JMC9 – Fol.38] b’ elenku ta’ numru, esebita mill-attur, li pero’ fil-fehema tal-Qorti ma tipprova xejn;  u ghalhekk, in difett ta’ provi sodisfacenti li juru l-kuntrarju, tipprevali l-prezunzjoni legali li in forza taghha x-xarabank ghandu jitqies li jifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Il-Qorti qed tassejna lill-attur sehem il-konvenuta minn din il-vettura b’ mod li din ghandha titqies bhala proprjeta’ tieghu fl-intier taghha, filwaqt li l-attur ghandu jaghti lill-konvenuta s-somma ta’ €26,788 [ ekwivalenti ghal LM11,500].

*Mobbli*
Anki f’ dan ir-rigward il-provi huma skarsi ghall-ahhar, tant li l-perit legali tonqos li ssemmihom fir-relazzjoni taghha. Jigi osservat li, ghalkemm fin-nota [Vol.1 – Fol.359] taghha l-konvenuta tghid li fix-xhieda taghha pprezentat zewg listi ndikanti l-effetti mobbli, ma jidhirx li dawn jinsabu fil-process, u lanqas hemm referenza ghalihom fix-xhieda li tat il-konvenuta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja  fit-28 ta’ Jannar 2004 [Vol.1-Fols.334-335]. Fin –nuqqas ta’ provi sodisfacenti li parti mill-mobbli

ezistenti fid-dar konjugali huma parafernali tal-konvenuta, tipprevali l-prezunzjoni li l-mobbli kollha ezistenti fid-dar konjugali kienu gew akkwistati waqt iz-zwieg u jifformaw parti mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Valuri ma nghatawx.

Illi f' dan ir-rigward, din il-Qorti, tenut kont ta' dak li ser jinghad aktar l-isfel dwar l-abitazzjoni fid-dar konjugali ghal certu zmien wara dan il-gudizzju, kif ukoll tax-xewqa li esprimiet il-konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, tordna li dawn l-oggetti jibqghu fid-dar konjugali sakemm din tghaddi eventwalment ghand il-konvenuta meta allura l-partijiet ghandhom jifthemu fuq pjan ta' qasma, u fin-nuqqas ta' tali ftehim, jigi nominat espert biex jaghamel stima taghhom, jinbighu bis-subbasta, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet b' mod ugwali.

Izda s-segwenti effetti mobbli, ghalkemm jibqghu tal-komunjoni, ghandhom jigu konsenjati lill-konvenuta in forza tal-gudizzju odjern, biex jitgawdew minnha sakemm issir il-likwidazzjoni finali taghhom. Dawn huma: il-magna tal-hjata, it-television 28 inch u l-video reorder.

*Depoziti Bankarji*
Illi, ghalkemm il-konvenuta tghid li, gimgha qabel hi telqet mid-dar konjugali, l-attur kien gibed is-somma ta' €1,631 [ekwivalenti ghal LM700], hija ma tispecifikax f'liema bank dawn kienu depozitati. Mill-banda l-ohra, l-attur fix-xhieda tieghu ma kkonstestax din l-allegazzjoni, u, ghalhekk ghandu jitqies li ssukkomba ghal din il-prova. Ghaldaqstant l-attur ghandu jghati lill-konvenuta s-somma ta' €815 [ekwivalenti ghal LM350], rapprezentanti nofs l-ammont.

*Isuzu Gemini*
Ma hemmx kontestazzjoni li din il-vettura, valutata mill-konvenuta fl-ammont ta' circa €8,153 [ekwivalenti ghal LM3,500], tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; u, bhal fil-kaz tax-xarabank, hemm qbil li dina tigi assenjata lill-attur li minn naha tieghu ghandu jivversa lill-konvenuta s-somma ta' €4,076 [ekwivalenti ghal LM1,750].

*Spejjez fil-fond tal-konvenuta*
Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur jghid li fil-fond konjugali huwa ghamel spejjez ta’ circa LM11,800 qabel iz-zwieg, u LM8,000 wara z-zwieg. Illi hu ma gab ebda prova dokumentali dwar dan l-infieq; izda jidher pacifiku bejn il-partijiet li l-ispejjez li saru fl-imsemmi fond thallsu mill-attur. Dan jinsab konfermat ukoll minn Calcidon E, missier il-konvenuta, li qal li l-fond kien inxtara gebel u saqaf, u x-xoghol kollu sabiex il-fond jigi rez abitabbli sar minnu, filwaqt li l-attur kien hareg l-ispejjez kollha. Ix-xoghol dam ghaddej bejn sena u sena u nofs.

Mill-provi jirrizulta li dan il-post kien gie akkwistat b’kuntratt ta’ kompra vendita fit-18 ta’ April 1990 fuq isem il-konvenuta; filwaqt li l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Settembru 1992.

Illi in propozitu ghall-ispejjez maghmula l-provi huma skarsi ghall-ahhar, u din il-Qorti thoss li jkun ekwu li l-quantum tal-kreditu li l-attur jista’ jkollu kontra l-konvenuta tax-xoghol li hu kien ghamel fil-fond parafernali taghha qabel iz-zwieg, kif ukoll tas-somma li setgha hareg ghall-akwist ta’ dan il-fond, jibqghu mpregudikati f’ dan il-gudizzju li jikkonerna biss l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Ghalhekk fil-likwidazzjoni ta’ dawn l-assi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni biss is-somma ta’ €18,635 [ekwivalenti ghal LM8,000] spejjez maghmula waqt iz-zwieg mill-attur fil-fond in kwistjoni u li ghalhekk huma dejn tal-komunjoni. Dan l-ammont ma giex kontestat mill-konvenuta. Ghaldaqstant dina, minn sehemha tal-komunjoni, ghandha taghti lill-attur is-somma ta’ €9,318 [ekwivalenti ghal LM4,000].

Illi, stabbilit il-premess, il-Qorti wasslet ghas-segwenti kwadru finanzjarju ta’ x’ ghandhom jiehdu l-partijiet rispettivi bhala sehemhom mill-komunjoni ta’ l-akkwisti: L-attur ghandu jiehu s-segwenti ammonti: LM13,300 + LM4,000 + LM3,500 = LM20,800; filwaqt li l-konvenuta ghandha tiehu: LM11,500 + LM350 + LM1,750 = LM13,600. Ghalhekk hemm diskrepanza ta’ €16,772 [ekwivalenti ghal LM7,200] favur l-attur, liema diskrepanza din il-Qorti qed tekwipara billi, permezz tal-

gudizzju odjern, qed tawtorizza lill-attur sabiex, flimkien mat-tfal tal-partijiet, jibqa’ jirrisjedi fid-dar konjugali bis-sahha ta’ l-artikolu 55A tal-Kap.16, ad eskluzjoni tal-konvenuta, ghall-perijodu ta’ tmien [8] snin mid-data ta’ dan il-gudizzju; wara liema perijodu, l-attur, flimkien maz-zewgt itfal, allura maggjorenni, qed jigu ordnati li jivvakaw il-fond de quo, cioe’ Flat 1 D Flats, Naxxar Road, Birkirkara li, allura ma jibqax jitiqies aktar bhala d-dar konjugali tal-partijiet, u jigi ritornat vakant lill-konvenuta proprjetarja ta’ l-istess; u sussegwentement issir id-divzijoni ta’ l-effetti mobbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni ta’ l-attur billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;
[2] tichad it-tieni talba, izda tawtorizza lill-attur sabiex, flimkien ma’ ulied il-partijiet, jghix fil-fond fuq indikat, ad eskluzzjoni ta’ l-attrici ghal-perijodu ta’ tmien snin millum, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[3] tilqa’ it-tielet u s-sitt talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjonijiet intestata ‘Kura u Kustodja’ u ‘Manteniment’;
[4] tilqa’ r-raba’ u il-hames, fis-sens li tapplika fil-konfront tal-konvenuta u fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16;
[5] tilqa’ l-hames talba, fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta’ l-assi, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-akkwisti;
[6] tilqa’ s-seba’ talba;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba, stante li hi superfluwa;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta, hlief dawk tas-seba’ talba li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attur;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba limitatament u fis-sens gja fuq deciz;

[2] tichad it-tielet talba, stante dak gja deciz dwar il-kura u kustodja tat-tfal minuri;
[3] tichad ir-raba’ talba, stante dak gja’ deciz;
[4] tichad il-hames talba;
[5] tilqa’ s-sitt talba, fis-sens gja fuq deciz;
[6] tichad is-seba’ talba;
[7] tilqa’ it-tmien talba, limitatament u fis-sens fuq stabbilit u deciz fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’, b’ mod li l-attur ghandu jivvaka d-dar matrimonjali fi zmien tmien snin millum;
[8] tilqa’ id-disa’ talba;
L-ispejjez tal-kontro talba ghandhom ikunu a kariku tal-konventa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------